**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Jannar, 2002

**Numru 2**

**Avviz numru 1213/01JR**

**Alfred Scicluna bhala prokuratur ta' ibnu Domenic Scicluna skond l-anness Dok."AS"**

**vs**

**Victor Tedesco, Stephen Saliba u William Montfort, fil-kapacita` taghhom ta' President, Segretarju u Tezorier rispettivament tal-Hamrun Spartans Football Club**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00), u fejn intqal:**

**Illi l-attur Domenic Scicluna kien impjegat bhala "player" professjonali mal-Hamrun Spartans Football Club mis-7 ta' Dicembru, 2000 sa l-ahhar ta' April, 2001 skond l-anness kuntratt market Dok.AS1; u**

**Illi l-imsemmi Hamrun Spartans Football Club ghandu jhallas lill-attur is-somma bilancjali ta' elf u sitt mitt lira Maltija (Lm1600.00) ghall-servizzi rezi bhala player professjonali tul il-perijodu msemmi, liema somma ghal finijiet ta' kompetenza qieghda titnaqqas ghal elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00); u**

**Illi l-konvenuti nomine gew interpellati biex ihallsu izda baqghu inadempjenti;**

**Jghidu ghalhekk il-konvenuti nomine ghaliex ghar-ragunijiet premessi it-Tribunal m'ghandux jikkundannahom ihallsu lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00) dovuti kif fuq spjegat;**

**Bl-imghaxijiet min-notifika ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Lulju, 2001 u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-istess ittra ufficjali u ta' l-ittra legali tat-30 ta' Gunju, 2001.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta' Alfred Scicluna u tal-Marixxal tal-Qorti Connie Grech li kkonfermat li kulhadd kien gie notifikat. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti fil-kapacita` rispettiva taghhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' elf u hames mitt lira Malitja (Lm1500.00) bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Lulju, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Lulju, 2001 u ta' l-ittra legali tat-30 ta' Gunju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**